

Brussell, 10 ta' Settembru 2026
(OR. en)

12992/26
ADD 1

AVIATION 130
DELECT 141

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	8 ta' Settembru 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 6142 annex
Suġġett:	ANNESSI tar- Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) li jemenda r-Regolament (UE) Nru 965/2012 fir-rigward tal- limitazzjonijiet fuq il-ħin tat-titjir u l-ħin tas-servizz u r-rekwiżiti tal- mistrieħ għal taxi tal-ajru, għal servizzi mediċi ta' emerġenza u għal operazzjonijiet bi bdot wieħed



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.9.2026
C(2026) 6142 final

ANNEXES 1 to 2

ANNESSI

tar-

Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE)

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 965/2012 fir-rigward tal-limitazzjonijiet fuq il-ħin tat-titjir u l-ħin tas-servizz u r-rekwiżiti tal-mistrieħ għal taxi tal-ajru, għal servizzi mediċi ta' emerġenza u għal operazzjonijiet bi bdot wieħed

ANNESS I

Fl-Anness II (il-Parti-ARO) tar-Regolament (UE) Nru 965/2012, il-punt ARO.OPS.235, huwa sostitwit b'dan li ġej:

“ARO.OPS.235 Approvazzjoni ta' skemi ta' speċifikazzjoni tal-ħinijiet ta' titjir individwali (IFTSSs) tal-operaturi CAT tal-ajruplani

- (a) L-awtorità kompetenti għandha tapprova skema ta' speċifikazzjoni tal-ħinijiet ta' titjir individwali (IFTSS) ta' operatur CAT tal-ajruplani jekk tikkonkludi li din l-IFTSS tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
 - (1) tkun xierqa għat-tip(i) ta' operazzjoni(jiet) imwettqa;
 - (2) tikkonforma mar-rekwiżiti essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness V tar-Regolament (UE) 2018/1139 u mar-regoli ta' implimentazzjoni rilevanti ta' dak ir-Regolament;
 - (3) tkun f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni applikabbli;
 - (4) tikkonforma ma' liġi nazzjonali applikabbli oħra li tirriżulta mit-traspożizzjoni tad-Direttiva 2000/79/KE.
- (b) Kull meta l-awtorità kompetenti jkollha l-ħsieb li tapprova IFTSS li tiddevja mill-ispeċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni applikabbli adottati mill-Aġenzija, hija għandha l-ewwel tfittex l-opinjoni tal-Aġenzija f'konformità mal-Artikolu 76(7) tar-Regolament (UE) 2018/1139. L-Aġenzija għandha ttiprovdi l-opinjoni tagħha fi żmien 3 xhur minn meta tirċievi d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa mill-awtorità kompetenti.
- (c) L-awtorità kompetenti u l-operatur ikkonċernat għandhom iqisu l-opinjoni tal-Aġenzija adottata skont l-Artikolu 76(7) tar-Regolament (UE) 2018/1139. Qabel ma tapprova l-IFTSS imsemmija fil-punt (b), l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-operatur ikun ivvaluta u jkun taffa r-riskji relatati tal-għeja għal livell aċċettabbli.
- (d) Wara perjodu inizjali ta' applikazzjoni, IFTSS approvata li tiddevja mill-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni applikabbli adottati mill-Aġenzija jenħtieġ li tkun soġġetta għal valutazzjoni biex jiġi ddeterminat jekk id-devjazzjonijiet għandhomx jiġu kkonfermati jew emendati. L-awtorità kompetenti u l-Aġenzija għandhom iwettqu valutazzjoni indipendenti abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-operatur. Il-valutazzjoni għandha tkun proporzjonata, trasparenti u bbażata fuq prinċipji u għarfien xjentifiċi.

ANNESS II

L-Anness III (il-Parti-ORO) tar-Regolament (UE) Nru 965/2012 huwa emendat kif ġej:

- (1) it-titolu tas-Subparti FTL huwa sostitwit b'dan li ġej:

“SUBPARTI FTL (A): LIMITAZZJONIJIET FUQ IL-~~ĦIN~~ TAT-TITJIR U L-~~ĦIN~~ TAS-SERVIZZ U R-REKWIŻITI TAL-MISTRIEĦ GĦAL OPERAZZJONIJIET SKEDATI U CHARTER BL-AJRUPLANI”;

- (2) il-punt ORO.FTL.100 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“ORO.FTL.100 Kamp ta' applikazzjoni

Din is-Subparti tistabbilixxi r-rekwiżiti li jridu jissodisfaw operatur tal-ajru u l-membri tal-ekwipaġġ tat-titjira u tal-kabina (ekwipaġġ tal-ajru) tiegħu fir-rigward tal-limitazzjonijiet fuq il-~~ħin~~ tat-titjir u l-~~ħin~~ tas-servizz u r-rekwiżiti tal-mistrieħ għall-ekwipaġġ tal-ajru assenjat għat-trasport kummerċjali bl-ajru (CAT) bl-ajruplani għall-finijiet ta' operazzjonijiet skedati u charter.”;

- (3) il-punt ORO.FTL.120 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“ORO.FTL.120 Sistema ta' ġestjoni tar-riskju tal-għeja (FRMS)

- (a) Meta sistema ta' ġestjoni tar-riskju tal-għeja (FRMS) hija meħtieġa minn din is-Subparti, jew mill-ispeċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni applikabbli, l-operatur għandu jistabbilixxi, jimplimenta u jżomm FRMS bħala parti integrali mis-sistema ta' ġestjoni tiegħu. L-FRMS għandha tkun deskritta f'manwal dedikat jew fil-manwal tal-operazzjonijiet.
- (b) L-FRMS għandha tipprovdi għal titjib kontinwu fl-effettività globali tal-ġestjoni tar-riskju tal-għeja tal-operatur u għandha tinkludi l-elementi kollha li ġejjin:

- (1) deskrizzjoni ta' dawn kollha li ġejjin:

- (i) il-filosofija, il-prinċipji u r-responsabbiltajiet tal-operatur fir-rigward tal-FRMS, imsejħa “il-politika tal-FRMS”;
- (ii) l-involvement u r-responsabbiltajiet tal-maniġment, tal-ekwipaġġ tal-ajru u ta' persunal ieħor fir-rigward tal-FRMS;
- (iii) l-istrutturi ddedikati tal-FRMS, inkluż grupp ta' azzjoni dwar is-sikurezza kontra l-għeja (FSAG), u r-rwoli tagħhom;

- (2) dokumentazzjoni tal-proċessi kollha tal-FRMS, inkluż proċess biex il-membri tal-ekwipaġġ tal-ajru u persunal ieħor ikunu jafu r-responsabbiltajiet tagħhom u l-proċedura għall-emenda ta' din id-dokumentazzjoni;

- (3) prinċipji u għarfien xjentifiċi;

- (4) proċess ta' identifikazzjoni tal-perikli u valutazzjoni tar-riskju li jippermettu l-ġestjoni operattiva fuq bażi kontinwa tar-riskju(i) tal-operatur li jirriżulta(w) minn għeja ta' membri tal-ekwipaġġ tal-ajru;

- (5) proċess ta' mitigazzjoni tar-riskju li jipprovdi sabiex l-azzjonijiet ta' rimedju jiġu implimentati fil-pront, li huma neċessarji sabiex jitnaqqas/jitnaqqsu b'mod effettiv ir-riskju/i tal-operatur li jirriżulta(w) mill-

għeja tal-membri tal-ekwipaġġ tal-ajru u għal monitoraġġ kontinwu u valutazzjoni regolari tal-effettività tal-azzjonijiet ta' mitigazzjoni;

(6) il-proċessi ta' assigurazzjoni tas-sikurezza tal-FRMS;

(7) il-proċessi ta' promozzjoni tal-FRMS.

(c) L-FRMS għandha tikkorrispondi mal-iskema ta' speċifikazzjoni tal-ħinijiet ta' titjir individwali tal-operatur, id-daqs tal-operatur u n-natura u l-komplessità tal-attivitàjiet tiegħu, u għandha tqis il-perikli u r-riskji assoċjati magħhom inerenti f'dawn l-attivitàjiet.

(d) L-operatur għandu jieħu azzjonijiet ta' mitigazzjoni meta l-proċess ta' assigurazzjoni tas-sikurezza tal-FRMS juri li l-prestazzjoni tas-sikurezza meħtieġa ma hijiex qed tinżamm.”;

(4) il-punt ORO.FTL.125 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“ORO.FTL.125 Skemi ta' speċifikazzjoni tal-ħin tat-titjir individwali (IFTSSs) ta' operaturi skedati u charter

(a) L-operatur għandu jstabbilixxi, jimplimenta u jżomm skema ta' speċifikazzjoni tal-ħin tat-titjir individwali (IFTSS) li:

(1) tkun xierqa għat-tip(i) ta' operazzjoni(ijiet) imwettqa;

(2) tikkonforma mar-rekwiżiti essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness V tar-Regolament (UE) 2018/1139 u mar-regoli ta' implimentazzjoni rilevanti ta' dak ir-Regolament;

(3) tikkonforma ma' leġiżlazzjoni applikabbli oħra, inkluża l-liġi nazzjonali applikabbli li tirriżulta mit-traspożizzjoni tad-Direttiva 2000/79/KE.

(b) Biex juri l-konformità mal-punt (a), l-operatur għandu japplika l-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni applikabbli adottati mill-Aġenzija.

(1) Inkella, jekk l-operatur ikollu l-ħsieb li jiddevja mill-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni applikabbli, huwa għandu jissottometti lill-awtorità kompetenti, flimkien mal-applikazzjoni għal approvazzjoni tal-IFTSS, każ ta' sikurezza li jinkludi dan kollu li ġej:

(i) deskrizzjoni dettaljata tad-devjazzjoni proposta;

(ii) valutazzjoni tar-riskji tal-għeja assoċjati u l-miżuri ta' mitigazzjoni korrispondenti biex jiġi żgurat li r-riskju jibqa' f'livell aċċettabbli;

(iii) kwalunkwe emenda rilevanti għall-manwali jew għall-proċeduri.

Jekk l-operatur ikollu l-ħsieb li jiddevja mill-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni applikabbli, għandu juri wkoll lill-awtorità kompetenti li jkun qies b'mod xieraq l-opinjoni tal-Aġenzija maħruġa f'konformità mal-Artikolu 76(7) tar-Regolament (UE) 2018/1139.

(c) Qabel l-implimentazzjoni, l-IFTSS — inkluż, fejn meħtieġ, FRMS jew il-ġestjoni xierqa tar-riskju tal-għeja (FRM) — għandhom jiġu approvati mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-punt ARO.OPS.235 tal-Anness II (il-Parti-ARO).

(d) Għall-finijiet tal-valutazzjoni msemmija fil-punt ARO.OPS.235(d) tal-Anness II (il-Parti-ARO), fi żmien sentejn mill-implimentazzjoni ta' IFTSS li tiddevja

mill-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni applikabbli maħruġa mill-Aġenzija, l-operatur għandu jiġbor data relatata mad-devjazzjoni approvata u għandu janalizzaha bl-użu ta' prinċipji xjentifikament sodi biex jivvaluta l-effetti tagħha fuq l-għeja tal-ekwipaġġ tal-ajru. Ir-riżultati ta' dik l-analiżi għandhom jiġu ppreżentati lill-awtorità kompetenti fil-forma ta' rapport.”;

(5) fil-punt ORO.FTL.205(b), jiddaħħlu l-punti (4) u (5) li ġejjin:

“(4) Il-Perjodu ta' Servizz Fuq Titjira (FDP) bażiku massimu ta' kuljum ta' membru tal-ekwipaġġ tal-ajru akklimatizzat li jkun qed jopera b'ekwipaġġ tat-titjira bi bdot wieħed għandu jkun wieħed jew l-ieħor minn dawn li ġejjin:

(1) f'konformità mat-tabella li ġejja, dment li l-ħin tat-titjir għal kull settur ikun limitat għal 4 sigħat b'awtobdot u għal sagħtejn mingħajr awtobdot:

Tabella 5

FDP bażiku massimu ta' kuljum — ekwipaġġ tal-ajru akklimatizzat — operazzjonijiet bi bdot wieħed

Bidu tal-FDP fil-ħin ta' referenza	Tul ta' żmien tal-FDP f'sigħat						
	Sa 4 setturi	5 setturi	6 setturi	7 setturi	8 setturi	9 setturi	10 setturi jew aktar
0600–0659	10:00	09:15	08:45	08:15	08:00	08:00	08:00
0700–0759	10:30	09:45	09:15	08:45	08:15	08:00	08:00
0800–1259	11:00	10:15	09:45	09:15	08:45	08:15	08:00
1300–1429	10:30	09:45	09:15	08:45	08:15	08:00	08:00
1430–1659	10:00	09:15	08:45	08:15	08:00	08:00	08:00
1700–2159	09:00	08:15	08:00	08:00	08:00	08:00	08:00
2200–0359	08:00	08:00	08:00	08:00	08:00	08:00	08:00
0400–0559	09:00	08:15	08:00	08:00	08:00	08:00	08:00

(2) 10 sigħat, irrISPettivament min-numru ta' setturi, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

- (A) l-operazzjoni ssir kompletament fil-medda ta' bejn is-07:00 u l-21:59;
- (B) l-operazzjoni titwettaq f'kundizzjonijiet ta' regoli tat-titjir viżwali (VFR);
- (C) l-operazzjonijiet isiru bejn ajrudromi magħżula minn qabel;
- (D) it-tul ta' żmien ta' kull settur tkun ta' siegħa jew inqas.

- (5) L-FDP bażiku massimu ta' kuljum ta' membru tal-ekwipaġġ tal-ajru fi stat mhux magħruf ta' akklimatizzazzjoni li jopera b'ekwipaġġ tat-titjira bi bdot wieħed għandu jkun ta' 8 sigħat.”;
- (6) fil-punt ORO.FTL.205(e), it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:
 “L-FDP massimu ta' kuljum bl-użu ta' estensjonijiet minħabba mistrieħ meħud waqt it-titjira f'operazzjonijiet fejn l-ekwipaġġ tat-titjira jikkonsisti minn minimu ta' żewġ bdoti”;
- (7) fil-punt ORO.FTL.205(f), it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:
 “(f) Ċirkostanzi mhux mistennija f'operazzjonijiet ta' titjir fejn l-ekwipaġġi tat-titjiriet jikkonsistu minn minimu ta' żewġ bdoti — id-diskrezzjoni tal-kmandant”;
- (8) fil-punt ORO.FTL.205, jiddaħħal il-punt (fa) li ġej:
 “(fa) Ċirkostanzi mhux mistennija f'operazzjonijiet ta' titjir fejn l-ekwipaġġ tat-titjira jikkonsisti minn bdot wieħed — id-diskrezzjoni tal-kmandant
- Il-kmandant jista' jimmodifika l-limiti tad-dmir tat-titjira, il-perjodi ta' dmir u ta' mistrieħ fil-każ ta' ċirkostanzi mhux mistennija, li huwa jew hija jkunu ġew infurmati dwarhom fil-ħin tar-rappurtar jew wara, kif ġej:
- (1) L-FDP bażiku massimu ta' kuljum ta' membru tal-ekwipaġġ tal-ajru li jopera ma' ekwipaġġ tat-titjira bi bdot wieħed, kif speċifikat fil-punti ORO.FTL.205(b)(4) jew (5), jista' jiġi estiż sa massimu ta' siegħa.
 - (2) Jekk fl-aħħar settur tal-FDP iż-żieda permessa skont il-punt (1) tinqabeż minħabba ċirkostanzi mhux mistennija wara t-tluq, it-titjira tista' tkompli lejn l-ajrudrom tad-destinazzjoni ppjanat jew lejn ajrudrom alternattiv.
 - (3) Il-perjodu ta' mistrieħ 'il bogħod mill-bażi tas-servizz ta' qabel FDP jista' jitnaqqas iżda ma għandux ikun inqas minn 10 sigħat.
 - (4) Fil-każ ta' ċirkostanzi mhux mistennija li jistgħu jwasslu għal għeja gravi, il-kmandant għandu jnaqqas l-FDP reali jew iżid il-perjodu ta' mistrieħ, jew it-tnejn, biex jelimina kull effett ħażin fuq is-sikurezza tat-titjira.
 - (5) Il-kmandant għandu jibgħat rapport lill-operatur kull meta FDP jiżdied jew meta perjodu ta' mistrieħ jitnaqqas skont id-diskrezzjoni tiegħu. Meta ttnaqqis tal-perjodu ta' mistrieħ jaqbeż siegħa, l-operatur għandu jibgħat kopja tar-rapport, inklużi l-kummenti tiegħu, lill-awtorità kompetenti fi żmien 28 jum mill-avveniment.
 - (6) L-operatur għandu jimplimenta politika mhux punittiva dwar l-eżerċizzju jew in-nuqqas ta' eżerċizzju tad-diskrezzjoni tal-kmandant f'ċirkostanzi mhux mistennija.”;
- (9) fil-punt ORO.FTL.240, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:
 “(a) Matul l-FDP għandu jkun hemm l-opportunità għal ikla u xarba biex jiġi evitat tnaqqis fil-prestazzjoni ta' membru tal-ekwipaġġ, speċjalment meta l-FDP jaqbeż 6 sigħat, jew 5 sigħat għal operazzjonijiet bi bdot wieħed.”;
- (10) tiżdied is-Subparti FTL (B) li ġejja:
“SUBPARTI FTL (B): LIMITAZZJONIJIET FUQ IL-ĦIN TAT-TITJIR U L-ĦIN TAS-SERVIZZ U R-REKWIŻITI TAL-MISTRIEĦ GĦAL SERVIZZI MEDIĊI TA' EMERĠENZA U GĦAL OPERAZZJONIJIET TA' AIR TAXI

ORO.FTL.101 Kamp ta' applikazzjoni

Din is-Subparti tistabbilixxi r-rekwiżiti li għandhom jiġu ssodisfati minn operatur tal-ajru u mill-membri tal-ekwipaġġ tat-titjira u tal-kabina (ekwipaġġ tal-ajru) tiegħu fir-rigward tal-limitazzjonijiet fuq il-ħin tat-titjir u l-ħin tas-servizz u r-rekwiżiti tal-mistrieħ għall-ekwipaġġ tal-ajru assenjat għat-trasport kummerċjali bl-ajru (CAT) bl-ajruplani għall-fini ta' operazzjonijiet ta' AEMS u ta' air taxi, inklużi operazzjonijiet li jibdwu u jirritornaw lejn l-istess punt (A–għal–A).

ORO.FTL.106 Definizzjonijiet

(a) Għal operazzjonijiet ta' AEMS u ta' air taxi, għandhom japplikaw it-termini definiti fil-punt ORO.FTL.105, ħlief dawk definiti fil-punti ORO.FTL.105(1), (2), (5) u (18).

(b) Id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw flimkien mal-punt (a):

- (1) “akklimatizzat” tfisser l-istat li fih l-arloġġ bijoloġiku ċirkadjan ta' membru tal-ekwipaġġ tal-ajru jkun sinkronizzat ma' żona tal-ħin speċifika — jew iż-żona tal-ħin kurrenti, fejn il-membru tal-ekwipaġġ tal-ajru jkun jinsab fiżikament, jew żona tal-ħin preċedenti, li jibqa' aġġustat għaliha bijoloġikament minħabba ħin jew mistrieħ insuffiċjenti biex jadatta għal dik kurrenti.

Għall-kalkolu tal-perjodu massimu tad-dmir tat-titjira ta' kuljum il-membru tal-ekwipaġġ tal-ajru jitqies bħala li jkun akklimatizzat għaż-żona tal-ħin tal-bażi tas-servizz fil-bidu ta' rotazzjoni u minn dak il-punt 'il quddiem f'konformità mal-valuri fit-Tabella 1a:

Tabella 1a

Id-differenza (h) bejn iż-żona tal-ħin, tal-ħin ta' referenza* u ż-żona tal-ħin fejn jibda s-servizz li jmiss	Il-ħin (h) li jgħaddi mir-rappurtar għax-xogħol fil-ħin ta' referenza				
	<48	48–71:59	72–95:59	96–119:59	120–143:59
≤ 2	D	D	D	D	D
>2 u <4	B	D	D	D	D
≥ 4 u ≤ 6	B	X	D	D	D
> 6 u ≤ 9	B	X	X	D	D
> 9 u ≤ 12	B	X	X	X	D

“B” tfisser li membru tal-ekwipaġġ tal-ajru jkun akklimatizzat għaż-żona tal-ħin, tal-ħin ta' referenza.

“D” tfisser li membru tal-ekwipaġġ tal-ajru jkun akklimatizzat għaż-żona tal-ħin fejn dan il-membru tal-ekwipaġġ tal-ajru jibda d-dmir li jmiss tiegħu jew tagħha tar-rotazzjoni.

“X” tfisser li membru tal-ekwipaġġ tal-ajru jinsab fi stat mhux magħruf ta’ akklimatizzazzjoni.

(*) Meta, matul rotazzjoni, l-ekwipaġġ tal-ajru jakklimatizza għaż-żona tal-ħin li fiha jibda d-dmir li jmiss tiegħu, dik iż-żona tal-ħin issir iż-żona tal-ħin il-ġdida tal-ħin ta’ referenza. L-istat ta’ akklimatizzazzjoni għal dmirijiet sussegwenti fir-rotazzjoni mbagħad jiġi ddeterminat f’konformità mat-Tabella 1a, billi ż-żona tal-ħin oriġinali tal-ħin ta’ referenza tiġi sostitwita b’dik il-ġdida;

- (2) “ħin ta’ referenza” tfisser jew il-ħin lokali fil-punt ta’ rappurtar fil-bażi tas-servizz fejn membru tal-ekwipaġġ tal-ajru jitqies akklimatizzat fil-bidu tar-rotazzjoni, jew il-ħin lokali fil-punt ta’ rappurtar fl-aħħar post, fejn membru tal-ekwipaġġ tal-ajru jkun sar akklimatizzat waqt ir-rotazzjoni;
- (3) “ekwipaġġ tat-titjira supplimentari” tfisser ekwipaġġ ta’ titjira li jinkludi aktar min-numru minimu meħtieġ biex jopera l-inġenju tal-ajru, li jippermetti lil kull membru tal-ekwipaġġ tat-titjira li jħalli l-kariga assenjata, għall-iskop ta’ mistrieħ abbord waqt li l-inġenju tal-ajru jkun fl-ajru, u li jiġi sostitwit minn membru ieħor tal-ekwipaġġ tat-titjira bi kwalifiki xierqa;
- (4) “tranżizzjoni mil-lvant-punent jew mill-punent-lvant” tfisser tranżizzjoni miż-żona tal-ħin, tal-ħin ta’ referenza (żona tal-ħin ta’ tranżizzjoni) bejn sekwenza ta’ dmirijiet u ta’ layovers f’mudell lejn il-lvant u sekwenza ta’ dmirijiet u ta’ layovers f’mudell lejn il-punent jew viċi versa, fejn kull sekwenza tinvolvi l-qsim ta’ erba’ żoni tal-ħin jew aktar;
- (5) “għeja” tfisser stat psikoloġiku ta’ kapaċità ta’ prestazzjoni mentali jew fiżika mnaqqsa li tirriżulta minn nuqqas ta’ rqad jew ta’ sahra estiża, mill-fażi ċirkadjana jew mill-volum ta’ xogħol (attività mentali jew fiżika, jew it-tnejn), jew minn kombinazzjoni tagħhom, li tista’ tfixxkel il-viġilanza u l-kapaċità ta’ membru tal-ekwipaġġ tal-ajru li jwettaq dmirijiet operattivi relatati mas-sikurezza;
- (6) “mistrieħ abbord” tfisser, għall-finijiet ta’ estensjonijiet tal-FDP u ta’ standby, waħda minn dawn li ġejjin:
 - (1) perjodu tal-ħin tat-titjir fil-fażi tal-cruising tat-titjira, li matulu membru tal-ekwipaġġ tal-ajru li jopera b’ekwipaġġ tat-titjira supplimentari jinħeles temporanjament minn kwalunkwe komputu u jkun qed jistrieħ f’faċilità ta’ mistrieħ abbord li tissodisfa l-istandard meħtieġ;
 - (2) perjodu ta’ żmien waqt li l-ajruplan ikun fuq l-art, li matulu membru tal-ekwipaġġ tal-ajru jinħeles temporanjament minn kwalunkwe komputu u jkun qed jistrieħ f’faċilità ta’ mistrieħ abbord li tissodisfa l-istandard meħtieġ;
- (7) “pożizzjonament” tfisser waħda minn dawn li ġejjin:
 - (1) it-trasferiment ta’ membru mhux operattiv tal-ekwipaġġ tal-ajru minn post għal ieħor fuq it-talba tal-operatur, esklużi dawn it-tnejn li ġejjin:

- il-ħin tal-vjaġġ mill-post ta' mistrieħ privat għall-post maħsub għar-rappurtar fil-bażi tas-servizz u viċe versa,
 - il-ħin għat-trasferiment lokali mill-post ta' mistrieħ għall-bidu tad-dmirijiet u viċe versa;
- (2) it-tħaddim ta' ajruplan minn membru operattiv tal-ekwipaġġ tal-ajru, fuq it-talba tal-operatur, fuq titjira mhux kummerċjali immedjatament qabel l-ewwel settur tal-CAT jew immedjatament wara l-aħħar settur tal-CAT;
- (8) “dmir kondiviż” ifisser FDP li jinkludi pawża waħda fuq l-art bejn is-setturi operattivi tat-titjiriet, li tkun ta' tul ta' żmien suffiċjenti biex tippermetti estensjoni tal-FDP bażiku massimu ta' kuljum f'kundizzjonijiet speċifikati;
- (9) “ċirkostanzi operazzjonali mhux previsti” tfisser kundizzjonijiet mhux mistennija li ma setgħux jiġu previsti u akkomodati b'mod raġonevoli, bħal temp ħażin, malfunzjonament fit-tagħmir, dewmien fil-kontroll tat-traffiku tal-ajru, li jistgħu jirriżultaw f'aġġustamenti operazzjonali meħtieġa.

ORO.FTL.111 Responsabbiltajiet tal-operatur

L-operatur għandu:

- (b) jippubblika r-rosters tax-xogħol minn qabel biex jipprovdi l-opportunità li l-membri tal-ekwipaġġ tal-ajru jipplanaw mistrieħ xieraq;
- (c) jistabbilixxu proċedura u metodu għall-komunikazzjoni mal-membri tal-ekwipaġġ tal-ajru li permezz tagħhom jiġu nnotifikati bidliet fir-rosters tax-xogħol u fil-perjodi ta' mistrieħ;
- (d) jiżgura li l-perjodi tad-dmirijiet tat-titjir ikunu pplanati b'mod li jippermettu li l-membri tal-ekwipaġġ tal-ajru jibqgħu ħielsa mill-għeja biex ikunu jistgħu joperaw f'livell sodisfaċenti ta' sikurezza fiċ-ċirkostanzi kollha;
- (e) jistabbilixxi u jippubblika l-ħinijiet tar-rappurtar u tar-rilaxx, filwaqt li jqis in-natura u l-komplessità tal-operazzjoni, biex jiżgura li l-ekwipaġġ tal-ajru jkollu biżżejjed ħin biex ilesti d-dmirijiet kollha meħtieġa ta' qabel it-titjira u ta' wara tat-titjira u biex jirreġistra l-ħinijiet reali tar-rappurtar u tar-rilaxx;
- (f) jikkunsidra r-relazzjoni bejn il-frekwenza u l-mudell tal-perjodi tad-dmirijiet tat-titjir u l-perjodi ta' mistrieħ u jikkunsidra l-effetti kumulattivi ta' sigħat twal ta' xogħol flimkien ma' perjodi minimi ta' mistrieħ;
- (g) jalloka mudelli tax-xogħol li jevitaw prattiki li jikkawżaw tfixkil serju f'mudell stabbilit ta' rqad/xogħol, bħall-alternazzjoni bejn dmirijiet matul il-ġurnata/il-lejl;
- (h) jikkonforma mad-dispożizzjonijiet dwar skedi ta' ħinijiet irregolari f'konformità mal-punt ARO.OPS.230 tal-Anness II (il-Parti-ARO);
- (i) jipprovdi perjodi ta' ħin ta' mistrieħ suffiċjenti biex il-membri tal-ekwipaġġ tal-ajru jkunu jistgħu jegħlbu l-effetti tad-dmirijiet ta' qabel u jkunu mistrieħa biżżejjed sal-bidu tal-perjodu tad-dmir tat-titjira li jkun imiss;
- (j) jippjana perjodi ta' mistrieħ u ta' rkupru estenzi u rikorrenti u jinnotifika lill-membri tal-ekwipaġġ tal-ajru minn qabel;
- (k) jippjana d-dmirijiet tat-titjira sabiex jintemmu fi żmien il-perjodu tad-dmir tat-titjira permissibbli filwaqt li jikkunsidra l-ħin meħtieġ għad-dmirijiet ta' qabel it-titjira, is-settur u l-ħinijiet ta' tibdil bejn il-wasla u tluq (turnaround);

- (l) jimmonitorja r-robustezza operazzjonali tar-rosters u jadatta l-arranġamenti tal-ekwipaġġ tal-ajru kif meħtieġ;
- (m) jimplimenta ġestjoni tar-riskju ta' għeja, appoġġata jew mis-sistema ta' ġestjoni f'konformità mal-punt ORO.GEN.200, inkluż FRM xierqa fejn meħtieġ, jew minn FRMS f'konformità mal-punt ORO.FTL.120, fejn meħtieġ.

“ORO.FTL.116 Responsabbiltajiet tal-ekwipaġġ tal-ajru

- (a) L-ekwipaġġ tal-ajru għandu jikkonforma mal-obbligi kollha li ġejjin:
 - (1) jikkonforma mal-limitazzjonijiet kollha fuq il-ħin tat-titjir u l-ħin tas-servizz (FTL) u mar-rekwiżiti tal-mistrieħ applikabbli għall-attivitajiet tagħhom;
 - (2) meta jwettqu dmirijiet ma' iktar minn operatur wieħed:
 - (1) iżommu r-rekords individwali tagħhom rigward il-ħinijiet tat-titjir u tas-servizz u l-perjodi tal-mistrieħ kif imsemmija fir-rekwiżiti applikabbli tal-FTL;
 - (2) jagħtu lil kull operatur id-data meħtieġa sabiex jiskeda l-attivitajiet f'konformità mar-rekwiżiti applikabbli tal-FTL;
 - (3) jagħmlu l-aħjar użu mill-opportunitajiet u mill-faċilitajiet ipprovduti għall-mistrieħ, u għandhom jippjanaw u jużaw il-perjodi ta' mistrieħ tagħhom tajjeb.
- (b) L-ekwipaġġ tal-ajru ma għandux iwettaq dmirijiet fuq inġenju tal-ajru jekk ikun jaf jew jissuspetta li qed ibati minn għeja jew jekk ma jkunx jiflaħ, tant li t-titjira tista' tiġi pperikolata.
- (c) L-ekwipaġġ tal-ajru għandu jirreġistra fid-dokumentazzjoni uffiċjali tal-operatur il-ħinijiet reali tar-rappurtar u tar-rilaxx tad-dmir tagħhom ta' kuljum.

ORO.FTL.126 Skemi ta' speċifikazzjoni tal-ħinijiet ta' titjir individwali (IFTSSs) ta' operaturi ta' AEMS u ta' air taxi

- (a) L-operatur għandu jstabbilixxi, jimplimenta u jżomm skema ta' speċifikazzjoni tal-ħin tat-titjir individwali (IFTSS) li:
 - (1) tkun xierqa għat-tip(i) ta' operazzjoni mwettqa;
 - (2) tikkonforma mar-rekwiżiti essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness V tar-Regolament (UE) 2018/1139 u mar-regoli ta' implimentazzjoni rilevanti ta' dak ir-Regolament;
 - (3) tikkonforma ma' leġislazzjoni applikabbli oħra, inkluża l-liġi nazzjonali applikabbli li tirriżulta mit-traspożizzjoni tad-Direttiva 2000/79/KE.
- (b) Biex juri l-konformità mal-punt (a), l-operatur għandu japplika l-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni applikabbli adottati mill-Aġenzija.

Inkella, jekk l-operatur ikollu l-ħsieb li jiddevja mill-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni applikabbli, huwa għandu jissottometti lill-awtorità kompetenti, flimkien mal-applikazzjoni għal approvazzjoni tal-IFTSS, każ ta' sikurezza li jinkludi dan kollu li ġej:

- (1) deskrizzjoni dettaljata tad-devjazzjoni proposta;

- (2) valutazzjoni tar-riskji tal-għeja assoċjati u l-miżuri ta' mitigazzjoni korrispondenti biex jiġi żgurat li r-riskju jibqa' f'livell aċċettabbli;
- (3) kwalunkwe emenda rilevanti għall-manwali jew għall-proċeduri.

Jekk l-operatur ikollu l-ħsieb li jiddevja mill-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni applikabbli, għandu juri wkoll lill-awtorità kompetenti li jkun qies b'mod xieraq l-opinjoni tal-Aġenzija maħruġa f'konformità mal-Artikolu 76(7) tar-Regolament (UE) 2018/1139.

- (c) Qabel l-implimentazzjoni, l-IFTSS — inkluż, fejn meħtieġ, FRMS jew FRM xierqa — għandhom jiġu approvati mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-punt ARO.OPS.235 tal-Anness II (il-Parti ARO).
- (d) Għall-finijiet tal-valutazzjoni msemmija fil-punt ARO.OPS.235(d) tal-Anness II (il-Parti-ARO), fi żmien sentejn mill-implimentazzjoni ta' IFTSS li tiddevja mill-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni applikabbli maħruġa mill-Aġenzija, l-operatur għandu jiġbor data relatata mad-devjazzjoni approvata u għandu janalizzaha bl-użu ta' prinċipji xjentifikament sodi biex jivvaluta l-effetti tagħha fuq l-għeja tal-ekwipaġġ tal-ajru. Ir-riżultati ta' dik l-analiżi għandhom jiġu ppreżentati lill-awtorità kompetenti fil-forma ta' rapport.

ORO.FTL.201 Bażi tas-servizz

- (a) L-operatur għandu jassenja bażi tas-servizz lil kull membru tal-ekwipaġġ tal-ajru.
- (b) L-operatur għandu jispeċifika fl-IFTSS tiegħu l-kundizzjonijiet għal bidla fil-bażi tas-servizz f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni applikabbli.

ORO.FTL.206 Perjodu tad-dmir tat-titjira (FDP)

- (a) L-operatur għandu jispeċifika fl-IFTSS tiegħu l-FDP bażiku massimu ta' kuljum tal-ekwipaġġ tal-ajru akklimatizzat li jopera b'ekwipaġġ tat-titjira bi bdot wieħed jew b'żewġ bdoti, f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni applikabbli. Dak l-FDP bażiku massimu ta' kuljum għandu, fil-każijiet kollha, iqis il-ħin tar-rappurtar u l-għadd ta' setturi ta' titjir u ma għandux jaqbeż it-13-il siegħa. L-operatur jista' jiddevja mill-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni applikabbli jekk ikollu FRMS li tiffunzjona u effettiva f'konformità mal-punt ORO.FTL.120.
- (b) L-operatur għandu jispeċifika fl-IFTSS tiegħu l-FDP bażiku massimu ta' kuljum tal-ekwipaġġ tal-ajru fi stat mhux magħruf ta' akklimatizzazzjoni li jopera ma' ekwipaġġ tat-titjira bi bdot wieħed jew b'żewġ bdoti, f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni applikabbli. L-FDP bażiku massimu ta' kuljum ta' ekwipaġġ tal-ajru b'żewġ bdoti fi stat mhux magħruf ta' akklimatizzazzjoni jista' jiġi estiż, f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni applikabbli, dment li l-operatur ikollu FRMS li tiffunzjona u effettiva f'konformità mal-punt ORO.FTL.120.
- (c) Fl-IFTSS tiegħu, l-operatur għandu jispeċifika l-FDP massimu estiż ta' kuljum, mingħajr mistrieħ abbord, tal-ekwipaġġ tal-ajru akklimatizzat li jopera b'ekwipaġġ tat-titjira b'żewġ bdoti, f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni applikabbli. L-operatur għandu, fil-każijiet kollha, iqis dawn li ġejjin:

- (1) l-estensjonijiet kollha għandhom jiġu ppjanati minn qabel;
 - (2) jistgħu jintużaw massimu ta' żewġ estensjonijiet fi kwalunkwe 7 ijiem konsekuttivi;
 - (3) kull estensjoni ma għandhiex tkun itwal minn siegħa;
 - (4) il-perjodi minimi ta' mistrieħ ta' qabel it-titjira u ta' wara t-titjira għandhom jiżdiedu b'sagħtejn, jew il-perjodu ta' mistrieħ ta' wara t-titjira għandu jiżdied b'4 sigħat; meta l-estensjonijiet jintużaw għal FDPs konsekuttivi, il-mistrieħ miżjud ta' qabel u ta' wara t-titjira bejn iż-żewġ FDPs estiżi għandu jingħata b'mod konsekuttiv;
 - (5) estensjoni mingħajr mistrieħ abbord ma għandhiex tkun ikkombinata ma' estensjonijiet mogħtija minħabba mistrieħ abbord jew dmir kondiviż fl-istess perjodu ta' dmir.
- (d) Fl-IFTSS tiegħu, l-operatur għandu jispeċifika l-FDP massimu ta' kuljum estiż minħabba mistrieħ abbord fl-ajru u żieda fl-ekwipaġġ minimu tat-titjira ta' żewġ bdoti, f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni applikabbli. L-operatur għandu, fil-każijiet kollha, iqis dawn li ġejjin:
- (1) il-livell taż-żieda fl-għadd minimu ta' ekwipaġġ tat-titjira;
 - (2) it-tip u l-istandard tal-faċilitajiet ta' mistrieħ abbord;
 - (3) il-mistrieħ minimu abbord allokat lil kull membru tal-ekwipaġġ tal-ajru;
 - (4) il-mistrieħ minimu abbord allokat lil kull membru tal-ekwipaġġ tat-titjira li se jkun fil-post tal-kontroll għall-inżul finali;
 - (5) il-kundizzjonijiet li fihom tista' tiġi applikata estensjoni addizzjonali tal-FDP, inkluż meta jopera taħt FRMS effettiva u funzjonanti f'konformità mal-punt ORO.FTL.120.
- (e) Matul missjoni tal-AEMS li tkun għaddejja, il-FDP bażiku massimu ta' kuljum tal-ekwipaġġ tal-ajru akklimatizzat li jopera b'ekwipaġġ tat-titjira b'żewġ bdoti, kif speċifikat fl-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni applikabbli, jista' jiġi estiż sa sagħtejn meta jkun meħtieġ għat-tlestija tal-missjoni. L-operatur għandu jinkludi fl-IFTSS tiegħu l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' din l-estensjoni, inkluż kif se jiġi mmonitorjat l-użu tagħha u kif se jiġu mmitigati l-effetti assoċjati fuq id-dmirijiet sussegwenti u l-perjodi ta' mistrieħ.
- (f) Fl-IFTSS tiegħu, l-operatur għandu jispeċifika l-kundizzjonijiet li skonthom, il-kmandant jista' jimmodifika l-limiti tad-dmir tat-titjira, il-perjodi ta' dmir u ta' mistrieħ fil-każ ta' ċirkostanzi operazzjonali mhux mistennija, f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni applikabbli. F'ċirkostanzi operattivi mhux previsti, l-operatur għandu jimplimenta politika mhux punittiva rigward l-eżerċizzju jew in-nuqqas ta' eżerċizzju tad-diskrezzjoni tal-kmandant.
- (g) L-operatur għandu jispeċifika fl-IFTSS tiegħu, il-proċedura għar-rappurtar tard, inklużi l-kundizzjonijiet li fihom tiġi attivata, f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni applikabbli.

ORO.FTL.211 Il-ħinijiet tat-titjir u l-perjodi tad-dmir

- (a) Il-perjodi totali ta' dmirijiet li jistgħu jiġu assenjati lil membru individwali tal-ekwipaġġ tal-ajru ma għandhomx jaqbuż:
- (1) 60 siegħa ta' dmir f'7 ijiem konsekuttivi;

- (2) 110 sigħat ta' dmir f'14-il jum konsekuttiv;
 - (3) 190 siegħa ta' dmir fi 28 jum konsekuttiv, mifruxa bl-aktar mod indaqs prattikabbli matul dak il-perjodu;
 - (4) 2 000 siegħa ta' dmir fi kwalunkwe sena kalendarja.
- (b) B'deroga mill-punt (a)(1), is-sigħat totali ta' dmirijiet fi kwalunkwe 7 ijiem konsekuttivi jistgħu jinqabżu b'massimu ta' 10 sigħat, dment li dan il-qbiż tal-limitu jintuża biss għall-fini tal-pożizzjonament ta' membru mhux operattiv tal-ekwipaġġ tal-ajru lura għall-bażi tas-servizz tiegħu jew tagħha għall-bidu ta' perjodu ta' mistrieħ u ta' rkupru estiż, u l-operatur:
- (1) jwettaq valutazzjoni tar-riskju biex jevalwa l-impatt tal-għeja tal-iskorrimient, filwaqt li jqis fost affarijiet oħra l-ħin tal-ġurnata, it-tul u l-kwalità tal-mistrieħ preċedenti, u d-domandi li ġejjin tar-roster tad-dmirijiet;
 - (2) jippjana miżuri ta' mitigazzjoni adegwati, inklużi, iżda mhux limitati għal: limiti fuq il-frekwenza tal-iskorrimienti f'perjodu speċifikat; l-għoti ta' perjodu minimu ta' mistrieħ u ta' rkupru estiż ta' 72 siegħa, inklużi żewġt iljieli lokali; u l-monitoraġġ kontinwu tal-effettività tal-kontrolli kollha tar-riskju tal-għeja għas-sikurezza u l-konformità;
 - (3) iżomm rekords tal-iskorrimienti u l-kundizzjonijiet li jkunu ntużaw fihom;
 - (4) jiddeskrivi t-termini tal-iskorrimient fl-IFTSS tiegħu.
- (c) B'deroga mill-punt (a)(1), f'operazzjonijiet ta' AEMS fejn l-ekwipaġġ tat-titjira jkun jikkonsisti minn żewġ bdoti, is-sigħat totali ta' dmir fi kwalunkwe 7 ijiem konsekuttivi jistgħu jinqabżu b'massimu ta' 30 siegħa dment li l-operatur:
- (1) iwettaq valutazzjoni tar-riskju biex jevalwa l-impatt tal-iskorrimient fuq l-għeja u jqis, fost affarijiet oħra l-ħin tal-ġurnata, l-esponiment għal dmir ta' billejl, l-istress tal-kompitu mediku jew relatat mal-pazjent, u l-ħtiġijiet tar-roster tad-dmirijiet li jmiss;
 - (2) jippjana miżuri ta' mitigazzjoni adegwati, inklużi, iżda mhux limitati għal: limiti fuq il-frekwenza tal-iskorrimienti f'perjodu speċifikat; l-għoti ta' perjodu minimu ta' mistrieħ u ta' rkupru estiż ta' 72 siegħa, inklużi żewġt iljieli lokali; u l-monitoraġġ kontinwu tal-effettività tal-kontrolli kollha tar-riskju tal-għeja għas-sikurezza u l-konformità;
 - (3) iżomm rekords tal-iskorrimienti u l-kundizzjonijiet li jkunu ntużaw fihom;
 - (4) jiddeskrivi t-termini tal-iskorrimient fl-IFTSS tiegħu.
- (d) Il-ħin totali tat-titjir tas-setturi li jiġu assenjati lil membru individwali tal-ekwipaġġ tal-ajru bħala membru operattiv tal-ekwipaġġ tal-ajru ma għandux jaqbeż:
- (1) 100 siegħa ta' ħin ta' titjir fi 28 jum konsekuttiv;
 - (2) 900 siegħa ta' ħin ta' titjir fi kwalunkwe sena kalendarja;
 - (3) 1 000 siegħa ta' ħin ta' titjir fi 12-il xahar konsekuttiv tal-kalendarju.
- (e) Id-dmir ta' wara t-titjira għandu jgħodd bħala perjodu ta' dmir.

ORO.FTL.216 Pożizzjonament

- (a) Il-pożizzjonament ta' membru mhux operattiv tal-ekwipaġġ tal-ajru wara li jirrapporta iżda qabel ma jopera, mingħajr perjodu ta' mistrieħ fil-frattemp, għandu jingħadd bħala FDP iżda ma għandux jgħodd bħala settur.
- (b) Il-ħin kollu mqatta' fuq il-pożizzjonament għandu jgħodd bħala perjodu ta' dmir.
- (c) Il-pożizzjonament ta' membru tal-ekwipaġġ tal-ajru li jopera fuq titjira mhux kummerċjali qabel jew wara li jopera titjira CAT waħda jew aktar, mingħajr perjodu ta' mistrieħ fil-frattemp, għandu jgħodd bħala FDP u bħala settur.
- (d) L-operatur għandu jispeċifika fl-IFTSS tiegħu, f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni applikabbli, l-impatt fuq l-FDP massimu ta' dawn it-tnejn li ġejjin:
 - (1) it-tul ta' żmien tal-pożizzjonament ta' membru mhux operattiv tal-ekwipaġġ tal-ajru;
 - (2) il-mod ta' trasport ta' membru mhux operattiv tal-ekwipaġġ tal-ajru.

ORO.FTL.221 Dmir kondiviż

Il-kundizzjonijiet biex jiġi estiż l-FDP bażiku massimu ta' kuljum għal ekwipaġġ tal-ajru li jopera b'ekwipaġġ tat-titjira b'żewġ bdoti, minħabba pawża waqt dmir kondiviż fuq l-art, għandhom ikunu skont dan li ġej:

- (a) l-operatur għandu jispeċifika fl-IFTSS tiegħu l-elementi li ġejjin għal dmir kondiviż f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni applikabbli:
 - (1) it-tul ta' żmien minimu ta' pawża waqt dmir kondiviż fuq l-art;
 - (2) l-estensjoni tal-FDP skont it-tul ta' żmien ta' pawża waqt dmir kondiviż;
 - (3) il-faċilitajiet tal-mistrieħ mogħtija lill-ekwipaġġ tal-ajru sabiex jistrieħ u għandu jitqies it-tul ta' żmien tal-pawża waqt dmir kondiviż u fatturi rilevanti oħra;
 - (4) il-possibbiltà ta' estensjoni għal dmir kondiviż wara l-bidu tal-FDP;
- (b) il-pawża waqt dmir kondiviż fuq l-art għandha tgħodd kollha kemm hi bħala FDP;
- (c) dmir kondiviż ma għandux jiġi assenjat qabel jew wara perjodu ta' mistrieħ imnaqqas f'konformità mal-punt ORO.FTL.236(c).

ORO.FTL.226 Dmirijiet ta' standby u dmirijiet fl-ajruport

- (a) Dmirijiet ta' standby u dmirijiet fl-ajruport għandhom ikunu fir-roster. Il-bidu u t-tmiem tal-ħin ta' disponibbiltà tal-istandby għandhom jiġu nnotifikati bil-quddiem lill-membri tal-ekwipaġġ tal-ajru kkonċernati sabiex ikollhom l-opportunità li jippjanaw il-mistrieħ xieraq.
- (b) Membru tal-ekwipaġġ tal-ajru għandu jitqies li jkun fuq standby fl-ajruport minn meta jirrapporta fil-punt tar-rappurtar sat-tmiem tal-perjodu nnotifikat tad-disponibbiltà ta' standby fl-ajruport.
- (c) Id-dmir ta' standby fl-ajruport għandu jgħodd bis-sħiħ bħala perjodu ta' dmir għall-iskopijiet tal-punti ORO.FTL.211 u ORO.FTL.236.
- (d) Kull dmir fl-ajruport għandu jgħodd bis-sħiħ bħala perjodu ta' dmir u l-FDP għandu jgħodd bis-sħiħ mill-ħin tar-rappurtar tad-dmir fl-ajruport.

- (e) L-operatur għandu jipprovdi akkomodazzjoni jew faċilità ta' mistrieħ tal-Klassi A lil membri tal-ekwipaġġ li jkunu fuq dmir ta' standby fl-ajruport, dment li l-faċilità ta' mistrieħ tal-Klassi A tippermetti l-kontroll tad-dawl u tat-temperatura u tiżgura iżolament minn storbu u disturb.
- (f) L-operatur għandu jispjega fl-IFTSS tiegħu l-elementi li għejjin għal standby u dmirijiet fl-ajruport, f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni applikabbli:
 - (1) it-tul ta' żmien massimu ta' kwalunkwe perjodu ta' disponibbiltà għal standby;
 - (2) l-impatt tal-ħin imqatta' fuq standby fuq l-FDP massimu ta' kuljum, filwaqt li jitqiesu l-faċilitajiet tal-mistrieħ disponibbli u fatturi rilevanti oħra, inklużi:
 - (i) il-ħtieġa ta' prontezza immedjata tal-membri tal-ekwipaġġ tal-ajru;
 - (ii) il-punt sa fejn l-istandby jinterferixxi mal-irqad;
 - (iii) l-ġuħ ta' notifka suffiċjenti biex tiproteġi l-oportunità ta' rqad bejn is-sejħa għad-dmir u l-FDP assenjat;
 - (3) il-perjodu minimu ta' mistrieħ wara perjodu ta' disponibbiltà għal dmir ta' standby li ma jirriżultax fl-assenjament ta' FDP;
 - (4) il-metodu ta' kif jingħadd dmir standby ieħor għall-iskop tal-kalkoli ta' dmir kumulattiv.

ORO.FTL.231 Riżerva

- (a) Ir-riżerva għandha tkun fir-roster.
- (b) L-operatur għandu jispjega fl-IFTSS tiegħu l-elementi ta' riżerva f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni applikabbli:
 - (1) it-tul ta' żmien massimu ta' kwalunkwe perjodu ta' riżerva waħda;
 - (2) in-numru ta' jiem ta' riżerva konsekuttivi li jista' jiġi assenjat lil membru tal-ekwipaġġ tal-ajru.

ORO.FTL.236 Perjodi ta' mistrieħ

- (a) Il-perjodu minimu ta' mistrieħ fil-bażi tas-servizz
 - (1) Il-perjodu minimu ta' mistrieħ ipprovdut qabel ma jitwettaq FDP li jibda mill-bażi tas-servizz għandu jkun twil tal-inqas daqs il-perjodu ta' dmir preċedenti jew 12-il siegħa, skont liema minnhom huwa l-itwal.
 - (2) B'deroga mill-punt (1), il-mistrieħ minimu stipulat fil-punt (b) għandu japplika jekk l-operatur jipprovdi akkomodazzjoni xierqa lill-membri tal-ekwipaġġ tal-ajru fil-bażi tas-servizz.
- (b) Il-perjodu minimu ta' mistrieħ 'il bogħod mill-bażi tas-servizz

Il-perjodu minimu ta' mistrieħ ipprovdut qabel ma jitwettaq FDP li jibda 'l bogħod mill-bażi tas-servizz għandu jkun twil tal-inqas daqs il-perjodu ta' dmir preċedenti jew 10 sigħat, skont liema minnhom ikun l-itwal. Dan il-perjodu għandu jinkludi oportunità ta' raqda ta' 8 sigħat minbarra l-ħin għall-ivvjaġġar u l-ħtiġijiet fiżjoloġiċi.
- (c) Mistrieħ imnaqqas

- (1) B'deroga mill-punti (a) u (b), il-perjodi minimi ta' mistrieħ fil-bażi tas-servizz jew 'il bogħod mill-bażi tas-servizz jistgħu jitnaqqsu, dment li l-mistrieħ imnaqqas jiġi applikat biss taħt FRMS effettiva u li tiffunzjona f'konformità mal-punt ORO.FTL.120.
- (2) L-operatur għandu jiddefinixxi l-kundizzjonijiet għal mistrieħ imnaqqas fl-IFTSS tiegħu, f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni applikabbli, filwaqt li jqis dan kollu li ġej:
 - (i) il-perjodu minimu ta' mistrieħ imnaqqas;
 - (ii) l-istat ta' akklimatizzazzjoni tal-membri tal-ekwipaġġ tal-ajru;
 - (iii) jekk il-perjodu ta' mistrieħ jinkludix iljieli lokali;
 - (iv) qsim taż-żoni tal-ħin;
 - (v) il-kombinazzjoni tal-ħin tat-titjir u tal-pożizzjonament immedjatament qabel il-perjodu ta' mistrieħ imnaqqas;
 - (vi) il-ħin tal-ivvjaġġar lejn u mill-post tal-mistrieħ.
- (d) Perjodi ta' mistrieħ u ta' rkupru estiżi u rikorrenti

L-operatur għandu jispeċifika l-perjodi ta' mistrieħ u ta' rkupru estiżi u rikorrenti biex jikkompensa għall-għeja kumulattiva fl-IFTSS tiegħu. Il-perjodu minimu ta' mistrieħ u ta' rkupru estiż u rikorrenti għandu jkun ta' 36 siegħa, inklużi żewġt iljieli lokali, u fi kwalunkwe każ, il-ħin bejn it-tmiem ta' perjodu ta' mistrieħ u ta' rkupru estiż u rikorrenti u l-bidu tal-perjodu ta' mistrieħ u ta' rkupru estiż li jmiss ma għandhomx ikunu aktar minn 168 siegħa. Il-perjodu ta' mistrieħ u ta' rkupru estiż u rikorrenti għandu jiżdied għal jumejn lokali darbtejn kull xahar.
- (e) L-operatur għandu jispeċifika l-perjodi ta' mistrieħ addizzjonali fl-IFTSS tiegħu, f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni applikabbli, biex jikkompensaw għal:
 - (1) l-effetti tad-differenzi fiż-żoni tal-ħin u l-estensjonijiet tal-FDP;
 - (2) l-għeja kumulattiva addizzjonali minħabba skedi ta' tfixkil;
 - (3) il-bidla fil-fażi ċirkadjana matul tranżizzjoni mil-lvant-punent jew mill-punent-lvant.

ORO.FTL.241 Nutrizzjoni

- (a) Matul l-FDP għandu jkun hemm l-opportunità għal ikla u xarba biex jiġi evitat tnaqqis fil-prestazzjoni ta' membru tal-ekwipaġġ tal-ajru.
- (b) L-operatur għandu jispeċifika fl-IFTSS tiegħu kif tkun żgurata n-nutrizzjoni tal-membri tal-ekwipaġġ tal-ajru matul l-FDP filwaqt li jitqiesu, tal-anqas, it-tul ta' żmien tal-FDP, ir-ritmu ċirkadjan u l-ħinijiet regolari tal-ikel, kif ukoll meta jkun impossibbli li wieħed jiekol jew jixrob matul l-operazzjonijiet tat-titjir.

ORO.FTL.246 Rekords tal-bażi tas-servizz, il-ħinijiet tat-titjir u l-perjodi ta' dmir u ta' mistrieħ

- (a) L-operatur għandu jżomm, għal perjodu ta' 24 xahar:
 - (1) rekords individwali għal kull membru tal-ekwipaġġ tal-ajru inkluż:
 - (1) il-ħinijiet tat-titjir;

- (2) il-bidu, it-tul u t-tmiem ta' kull perjodu ta' dmir u FDP;
 - (3) il-perjodi ta' mistrieħ u ġranet ħielsa mid-dmirijiet kollha;
 - (4) il-bażi tas-servizz assenjata;
- (2) rapporti dwar il-perjodi ta' dmir tat-titjir estiżi u perjodi ta' mistrieħ imnaqqsa.
- (b) Fuq talba, l-operatur għandu jipprovdi kopji tar-rekords individwali tal-ħinijiet tat-titjiriet, il-perjodi ta' dmir u l-perjodi ta' mistrieħ għal dawk ikkonċernati:
 - (1) il-membru tal-ekwipaġġ tal-ajru kkonċernat;
 - (2) operatur ieħor, fir-rigward ta' membru tal-ekwipaġġ tal-ajru li huwa jew li jsir membru tal-ekwipaġġ tal-ajru tal-operatur ikkonċernat;
 - (3) l-awtorità kompetenti.
- (c) Ir-rekords imsemmija fil-punt CAT.GEN.MPA.100(b)(5) tal-Anness IV (il-Parti-CAT) fir-rigward ta' membri tal-ekwipaġġ tal-ajru li jwettqu dmirijiet għal aktar minn operatur wieħed għandhom jinżammu għal perjodu ta' 24 xahar.

ORO.FTL.251 Taħriġ fil-ġestjoni tal-għeja

- (a) L-operatur għandu jipprovdi taħriġ inizjali u rikorrenti dwar il-ġestjoni tal-għeja għall-membri tal-ekwipaġġ tal-ajru tiegħu, għall-persunal responsabbli għat-tnejn u l-manutenzjoni tar-rosters tal-ekwipaġġ tal-ajru u għall-persunal tal-ġestjoni kkonċernat.
- (b) It-taħriġ skont il-punt (a) għandu jsegwi programm ta' taħriġ stabbilit mill-operatur u jkun deskritt fil-manwal tal-operazzjonijiet. Is-sillabu tat-taħriġ għandu jkopri l-kawżi possibbli u l-effetti tal-għeja u l-kontramiżuri għall-għeja, kif ukoll aspetti prattiċi.”.